II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2280

tas-16 ta' Diċembru 2021

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 19(3), (4) u (5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 338/97 jirregola l-kummerċ fl-ispeċijiet tal-annimali u tal-pjanti elenkati fl-Anness ta' dak ir-Regolament. L-ispeċijiet elenkati fl-Anness jinkludu l-ispeċijiet elenkati fl-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu ("il-Konvenzjoni"), kif ukoll speċijiet oħra li l-istatus ta' konservazzjoni tagħhom jirrikjedi li l-kummerċ tagħhom mill-Unjoni, lejn l-Unjoni u fiha, ikun regolat jew immonitorjat.

(2) Il-livelli ta' kummerċ f'ċerti speċijiet jirrikjedu monitoraġġ sabiex tingħabar id-*data* u jiġi kkunsidrat jekk fil-futur tistax tkun meħtieġa protezzjoni aktar stretta. Għal dan il-għan, il-Grupp tar-Reviżjoni Xjentifika, stabbilit skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 338/97, matul il-laqgħat regolari tiegħu fl-2019 u fl-2020 għamel rieżami ta' speċijiet diversi u kkonkluda li l-unitajiet tassonomiċi li ġejjin jenħtieġ li jiddaħħlu fl-Anness D ta' dak ir-Regolament: *Otocryptis wiegmanni, Platysaurus imperator, Tracheloptychus petersi, Zonosaurus maximus, Pseudocerastes* spp. (ħlief għall-ispeċijiet elenkati fl-Anness B), u *Atelopus* spp. (ħlief għall-ispeċijiet elenkati fl-Anness A). Il-Grupp ta' Rieżami Xjentifiku kkonkluda wkoll li l-ispeċijiet li ġejjin jenħtieġ li jiġu inklużi fl-Anness D, b'annotazzjoni li tiddelimita liema tipi ta' kampjuni huma koperti mill-elenkar: *Handroanthus* spp., *Tabebuia* spp., *Roseodendron* spp., *Aucoumea klaineana, Rhodiola* spp., *Boswellia* spp., *Millettia stuhlmannii, Pterocarpus macrocarpus, Entandrophragma cylindricum, Khaya* spp., *Okoubaka aubrevillei* u *Baillonella toxisperma*.

(3) Jenħtieġ li jiddaħħlu annotazzjonijiet ġodda fin-*Noti dwar l-interpretazzjoni tal-Annessi A, B, C u D*. Huwa meħtieġ li tiddaħħal annotazzjoni waħda fil-paragrafu 12 fir-rigward ta' entrata ġdida fl-Anness C, biex jiġi rifless l-elenkar fl-Appendiċi III skont il-pajjiż tal-firxa. Jeħtieġ ukoll li jiddaħħlu żewġ annotazzjonijiet fil-paragrafu 17 fir-rigward tal-ispeċijiet tas-siġar li għandhom jiġu inklużi fl-Anness D, sabiex jiġi żgurat li l-kampjuni li jseħħu fil-kummerċ internazzjonali jkunu koperti mill-elenkar.

(4) Fid-dawl tal-bidliet tassonomiċi riċenti miftiehma mit-tmintax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni, li saret f'Ġinevra, l-Iżvizzera, mis-17 sat-28 ta' Awwissu 2019 (CoP 18), jixraq li l-entrata attwali ta' *Homalopsis bucata* fl-Anness D tiġi ssostitwita bl-elenkar tal-ġeneru kollu *Homalopsis* spp. Huwa meħtieġ li *Prionailurus iriomotensis* fl-Anness A jinbidel għal *Prionailurus bengalensis euptilurus*, u l-entrata ta' *Agalychnis* spp. fl-Anness B toġi sostitwita bl-elenkar ta' *Agalychnis annae, A. callidryas, A. moreletii, A. saltator* u *A. spurrelli*. Huwa meħtieġ ukoll li tinbidel l-entrata tal-familja Pristidae sabiex din taqa' taħt l-ordni Rhinopristiformes. L-ortografija ta' *Pelophylax shqipericus* fl-Anness D jeħtieġ li tiġi kkoreġuta u *Lophura hatinhensis* trid titħassar mill-Anness B peress li din tiġi ttrattata bħala *L. edwardsi*.

[1] ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1.

(5) In-nota f'qiegħ il-paġna fl-Anness tar-Regolament relatata ma' *Ovis collium*, *O. darwini*, *O. jubata*, *O. karelini*, *O. polii*, u *O. severtzovi* li tiddikjara "Dan il-grupp tassonomiku jissejjaħ *Ovis ammon* fl-Anness XIII tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006" jenħtieġ li titneħħa, biex tinġieb konformi mal-Anness XIII tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 ([2]), kif emendat mill-Artikolu 2(14) ta' dan ir-Regolament. Dawn l-emendi huma konsegwenza ta' bidliet fit-tassonomija ta' dan il-grupp ta' speċijiet.

(6) It-test ta' ċerti annotazzjonijiet fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 338/97 jenħtieġ li jiġi emendat biex tittejjeb iċ-ċarezza (*Canis lupus*, *Caracara lutosa*, *Ceratophora aspera*, *C. stoddartii*, *Lyriocephalus scutatus*, *Crotalus durissus*, u *Rheobatrachus* spp.).

(7) Il-*Goniurosaurus spp*. jenħtieġ li tiġi ttrasferita mill-familja Eublepharidae għall-familja Gekkonidae sabiex l-entrata ssir konformi man-nomenklatura standard attwali.

(8) L-ispeċijiet li ġejjin se jkunu ġew inklużi fl-Appendiċi III tal-Konvenzjoni mill-14 ta' Frar 2021: *Goniurosaurus kuroiwae*, *Goniurosaurus orientalis*, *Goniurosaurus sengokui*, *Goniurosaurus splendens*, *Goniurosaurus toyamai*, *Goniurosaurus yamashinae* u *Echinotriton andersoni* (kollha b'annotazzjoni) fuq talba tal-Ġappun, u *Calotes ceylonensis*, *Calotes desilvai*, *Calotes liocephalus*, *Calotes liolepis*, *Calotes manamendrai*, *Calotes nigrilabris*, *Calotes pethiyagodai* fuq talba tas-Sri Lanka. L-ispeċijiet li ġejjin se jkunu ġew inklużi fl-Appendiċi III tal-Konvenzjoni mit-22 ta' Ġunju 2021: *Lodoicea maldivica* (b'annotazzjoni) fuq talba tas-Seychelles, u *Alauda arvensis*, *Galerida cristata*, *Lullula arborea*, *Melanocorypha calandra*, *Emberiza citronella*, *Emberiza hortulana*, *Carduelis cannabina*, *Carduelis carduelis*, *Carduelis flammea*, *Carduelis hornemanni*, *Carduelis spinus*, *Carpodacus erythrinus*, *Loxia curvirostra*, *Pyrrhula pyrrhula*, *Serinus serinus*, *Erithacus rubecula*, *Ficedula parva*, *Hippolais icterina*, *Luscinia svecica*, *Luscinia luscinia*, *Luscinia megarhynchos*, *Monticola saxatilis*, *Sylvia atricapilla*, *Sylvia borin*, *Sylvia curruca*, *Sylvia nisoria*, *Turdus merula*, *Turdus philomelos*, *Oriolus oriolus*, *Parus ater*, *Troglodytes troglodytes and Emys orbicularis* (applikabbli biss għall-popolazzjoni tal-Ukraina) fuq talba tal-Ukraina. Dawn l-emendi għall-Appendiċi III jenħtieġ li jiġu riflessi fl-Anness C tar-Regolament (KE) Nru 338/97.

(9) Il-Grupp ta' Rieżami Xjentifiku kkonkluda fil-laqgħat regolari tiegħu fl-2020, u permezz ta' diversi konsultazzjonijiet bil-miktub, li l-elenkar tal-ispeċijiet li ġejjin fl-Anness D tar-Regolament (KE) Nru 338/97 ma għadux meħtieġ, u dawn l-ispeċijiet jenħtieġ li jitħassru minn dak l-Anness: *Dendrolagus dorianus*, *Dendrolagus goodfellowi*, *Dendrolagus matschiei*, *Dendrolagus pulcherrimus*, *Dendrolagus stellarum*, *Columba oenops*, *Didunculus strigirostris*, *Ducula pickeringii*, *Gallicolumba crinigera*, *Ptilinopus marchei*, *Turacoena modesta*, *Crax alector*, *Pauxi unicornis*, *Penelope pileata*, *Eulipoa wallacei*, *Arborophila gingica*, *Lophura bulweri*, *Lophura diardi*, *Lophura inornata*, *Bombycilla japonica*, *Cyanocorax caeruleus*, *Cyanocorax dickeyi*, *Procnias nudicollis*, *Dacnis nigripes*, *Sporophila falcirostris*, *Sporophila frontalis*, *Sporophila hypochroma*, *Sporophila palustris*, *Amandava amandava*, *Cryptospiza reichenovii*, *Erythrura coloria*, *Erythrura viridifacies*, *Estrilda quartinia* (ta' spiss ikkummerċjalizzata bħala *Estrilda melanotis*), *Hypargos niveoguttatus*, *Lonchura griseicapilla*, *Lonchura punctulata*, *Lonchura stygia*, *Carduelis ambigua*, *Carduelis atrata*, *Kozlowia roborowskii*, *Pyrrhula erythaca*, *Serinus canicollis*, *Serinus citrinelloides hypostictus* (ta' spiss ikkummerċjalizzata bħala *Serinus citrinelloides*), *Sturnella militaris*, *Cochoa azurea*, *Cochoa purpurea*, *Garrulax formosus*, *Garrulax galbanus*, *Garrulax milnei*, *Niltava davidi*, *Stachyris whiteheadi*, *Swynnertonia swynnertoni* (imsejħa wkoll *Pogonicichla swynnertoni*), *Turdus dissimilis*, *Pitta nipalensis*, *Pitta steerii*, *Sitta magna*, *Sitta yunnanensis*, *Lamprotornis regius*, *Mino dumontii*, *Sturnus erythropygius*, *Teratoscincus microlepis*, *Rhabdophis subminiatus*, *Calloselasma rhodostoma*, *Baronia brevicornis*, *Papilio grosesmithi*, *Papilio maraho*, *Calibanus hookeri*, *Biarum davisii* ssp. *marmarisense*, *Biarum ditschianum*, *Othonna cacalioides*, *Othonna hallii*, *Othonna lepidocaulis*, *Ceraria carrissoana*, u *Ceraria fruticulosa*.

(10) Abbażi ta' rieżami mill-Grupp tar-Reviżjoni Xjentifika, jenħtieġ li jiżdiedu tliet subspeċijiet mal-entrata tat-*Teratoscincus scincus* fl-Anness D tar-Regolament (KE) Nru 338/97.

(11) Huwa meħtieġ li jiġu kkoreġuti ċerti żbalji ta' fformattjar fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 338/97.

(12) Minħabba l-għadd ta' emendi, jixraq li, għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 338/97 jiġi ssostitwit kollu kemm hu.

(13) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 338/97 jenħtieġ li jiġi emendat bix-xieraq.

(14) L-għan tar-Regolament (KE) Nru 865/2006 huwa li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 338/97 u li jiżgura konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 tal-4 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 166, 19.6.2006, p. 1).

(15) Is-CoP 18 adottat jew emendat Riżoluzzjonijiet li jikkonċernaw, fost l-oħrajn, il-kriterji biex jiġi ddeterminat l-iskop ta' tranżazzjoni, il-lista ta' referenzi standard użati għad-determinazzjoni tal-ismijiet tal-ispeċijiet elenkati fl-Appendiċi tal-Konvenzjoni, minbarra li jintroduċu kodiċi ġdid li għandu jintuża fil-permessi u fiċ-ċertifikati. Għalhekk, sabiex dawk il-ftehimiet tas-CoP 18 jiġu inkorporati fid-dritt tal-Unjoni, huwa neċessarju li jiġu emendati ċerti dispożizzjonijiet u li jiżdiedu dispożizzjonijiet ulterjuri mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006.

(16) Is-CoP 18 emendat ir-Riżoluzzjoni Konf. 12.3, dwar *Permessi u ċertifikati*, fir-rigward ta' skopijiet differenti ta' tranżazzjoni u l-kodiċijiet li għandhom jintużaw fid-dokumenti tal-Konvenzjoni biex jiġu stabbiliti dawk l-għanijiet. Jenħtieġ li dawk l-emendi jsiru fir-Regolament (KE) Nru 865/2006.

(17) Is-COP 18 kompliet temenda r-Riżoluzzjoni Konf. 12.3 billi daħħlet kodiċi ġdid li jrid jintuża biex jindika s-sors ta' ċerti kampjuni tal-pjanti li ma jikkonformaw ma' ebda wieħed mill-kodiċijiet li kienu jeżistu qabel. Dak il-kodiċi sors il-ġdid jenħtieġ li jiddaħħal fl-Anness IX tar-Regolament (KE) Nru 865/2006.

(18) Barra minn hekk, ir-Riżoluzzjoni Konf. 12.3 ġiet emendata fir-rigward tal-validità tad-dokumenti tal-Konvenzjoni għal kampjuni ta' speċijiet li ġew ittrasferiti fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni. Dik l-emenda jenħtieġ li tiġi riflessa fir-Regolament (KE) Nru 865/2006.

(19) L-Anness IV tar-Riżoluzzjoni Konf. 12.3, dwar *It-tipi ta' kampjuni bijoloġiċi u l-użu tagħhom*, ġie emendat ukoll, u dawk l-emendi jenħtieġ li jiġu riflessi fl-Anness XI tar-Regolament (KE) Nru 865/2006.

(20) Is-CoP 18 emendat ukoll ir-Riżoluzzjoni Konf. 11.3, dwar *Il-konformità u l-infurzar*, fost l-oħrajn fir-rigward tal-kundizzjonijiet li skonthom tagħhom għandhom jiġu aċċettati l-permessi tal-esportazzjoni u ċ-ċertifikati tar-riesportazzjoni maħruġa minn pajjiżi terzi. Dawk l-emendi jenħtieġ li jiġu riflessi fir-Regolament (KE) Nru 865/2006.

(21) Is-CoP 18 emendat ir-Riżoluzzjoni Konf. 12.11, dwar in-*nomenklatura standard*, u r-referenzi standard ġodda għan-nomenklatura jenħtieġ li jiġu riflessi fl-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 865/2006.

(22) Diġà fis-sbatax-il laqgħa tagħha li saret f'Johannesburg, l-Afrika t'Isfel, mill-24 ta' Settembru sal-4 ta' Ottubru 2016 (CoP 17), il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni emendat ir-Riżoluzzjoni Konf. 11.17, dwar *Ir-rapporti nazzjonali*, billi r-rapporti biennali preċedenti ġew issostitwiti bir-rapporti ta' implimentazzjoni li għandhom jiġu sottomessi kull tliet snin. Din il-bidla jenħtieġ li tiġi riflessa fir-Regolament (KE) Nru 865/2006.

(23) Is-CoP 17 emendat ukoll ir-Riżoluzzjoni Konf. 10.10, dwar il-*Kummerċ fl-eżemplari tal-iljunfanti*, li tirrakkomanda "li dawk kollha li huma Partijiet […] li għandhom suq domestiku legali tal-avorju fil-ġuriżdizzjoni tagħhom li qed jikkontribwixxi għall-kaċċa illegali jew għall-kummerċ illegali jieħdu l-miżuri neċessarji leġiżlattivi, regolatorji u ta' infurzar kollha biex jipprojbixxu l-kummerċ fl-avorju maħdum u mhux maħdum fis-swieq domestiċi tagħhom malajr kemm jista' jkun".

(24) L-informazzjoni disponibbli bħalissa turi li fl-Unjoni jeżistu kwantitajiet importanti ta' oġġetti tal-avorju antiki, li fil-maġġoranza tagħhom ġew importati lejn l-Istati Membri tal-UE qabel ma l-ispeċijiet tal-iljunfanti ġew inklużi fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni.

(25) Sabiex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-kummerċ illegali tal-avorju, u filwaqt li jitqies il-prinċipju tal-proporzjonalità, ir-regoli u l-isforzi ta' infurzar, jeħtieġ li jiġu msaħħa b'mod proporzjonali għar-riskji identifikati fir-rigward tal-kaċċa illegali tal-iljunfanti u l-kummerċ illegali fl-avorju.

(26) L-eżenzjoni ġenerali mogħtija skont l-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 338/97, li tippermetti li kampjuni tal-avorju maħdum li jkunu nkisbu aktar minn 50 sena qabel kif iddefinit fl-Artikolu 2(w) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 jiġu kkummerċjalizzati mingħajr ċertifikat maħruġ skont l-Artikolu 8(3) tal-istess Regolament, jenħtieġ li titneħħa għall-kampjuni maħduma li fihom l-avorju tal-iljunfanti. B'konsegwenza ta' dan, mhux se jibqa' possibbli li l-avorju maħdum jiġi kkummerċjalizzat mingħajr ċertifikat maħruġ skont l-Artikolu 8(3) tal-istess Regolament.

(27) B'mod parallel, jenħtieġ li jitqies il-fatt li ċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 li jikkonċernaw kampjuni tal-avorju tal-iljunfanti, ilhom li nħarġu kważi 40 sena (mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KEE) Nru 3626/82) u li d-dritt tal-Unjoni ma jirrikjedix li l-awtoritajiet kompetenti jġedduhom perjodikament. B'konsegwenza ta' dan, mhuwiex possibbli li jkun hemm idea ġenerali sħiħa taċ-ċertifikati maħruġa u, f'xi każijiet, minħabba l-prattika amministrattiva li evolviet maż-żmien, jista' jkun hemm dubji dwar jekk il-materjal iċċertifikat jikkorrispondix maċ-ċertifikat maħruġ. Sabiex jingħata kontribut aħjar għall-ġlieda kontinwa kontra l-kummerċ illegali u sabiex l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jkunu jistgħu jsaħħu l-kontroll tal-kummerċ fl-avorju tal-iljunfanti fl-Unjoni, jidher għalhekk meħtieġ li tiġi stabbilita data ta' skadenza għal dawn iċ-ċertifikati kollha. Meta titqies il-ħtieġa li l-operaturi u l-awtoritajiet jadattaw għal dawn il-bidliet, id-data ta' skadenza jenħtieġ li tiġi stabbilita wara perjodu tranżitorju ta' 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(28) Għal ċertu żmien wara li t-tneħħija ta' dawn l-eżenzjonijiet issir effettiva, l-emendi huma mistennija li jwasslu għal żieda fl-għadd ta' applikazzjonijiet għal ċertifikati li jkunu meħtieġa mill-ġdid għal attivitajiet kummerċjali li jirrigwardaw kampjuni tal-avorju tal-iljunfanti. Għalhekk jenħtieġ li l-perjodu ta' żmien li matulu l-applikazzjonijiet għal tali ċertifikati jridu jiġu pproċessati mill-awtoritajiet maniġerjali tal-Istati Membri jiġi estiż waqt l-ewwel sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(29) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 865/2006jiġi emendat bix-xieraq.

(30) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Kummerċ tal-Fawna u l-Flora Selvaġġi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda għar-Regolament (KE) Nru 338/97

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 338/97 huwa sostitwit bit-test mogħti fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 865/2006

Ir-Regolament (KE) Nru 865/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5, il-punt (5) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(5) fejn jeħtieġ, l-iskop ta' tranżazzjoni jrid jiġi ddeterminat billi jiġu applikati l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 5c u indikati fuq il-permess jew iċ-ċertifikat rilevanti, permezz ta' wieħed mill-kodiċijiet inklużi fil-punt 1 tal-Anness IX ta' dan ir-Regolament;"

(2) Jiddaħħal l-Artikolu 5c li ġej:

"*Artikolu 5c*

L-iskop tat-tranżazzjoni

1. L-iskop tat-tranżazzjoni għandu jkun indikat permezz ta' wieħed mill-kodiċijiet fil-punt 1 tal-Anness IX ta' dan ir-Regolament.

2. Għal permess tal-esportazzjoni, in-natura tat-tranżazzjoni bejn l-esportatur u l-importatur għandha tiddetermina l-kodiċi tal-iskop tat-tranżazzjoni. Għal ċertifikat ta' riesportazzjoni, in-natura tat-tranżazzjoni bejn ir-riesportatur u l-importatur għandha tiddetermina l-kodiċi tal-iskop tat-tranżazzjoni.

Il-kodiċi għandu jindika r-raġuni għaliex hemm skambju jew moviment tal-kampjun(i) mill-esportatur lejn l-importatur jew mill-esportatur mill-ġdid lejn l-importatur.

3. Għal permess tal-importazzjoni jew ċertifikat tal-introduzzjoni mill-baħar, l-użu maħsub tal-kampjuni mill-importatur għandu jiddetermina l-kodiċi tal-iskop tat-tranżazzjoni. Il-kodiċi għandu jindika r-raġuni għaliex l-importatur talab jew qed jirċievi l-kampjun.

4. Meta jinħareġ permess tal-esportazzjoni u permess tal-importazzjoni jew ċertifikat tar-riesportazzjoni u permess tal-importazzjoni, il-kodiċi tal-iskop tat-tranżazzjoni użat fuq il-permess tal-importazzjoni jista' jvarja minn dak fuq il-permess tal-esportazzjoni jew iċ-ċertifikat tar-riesportazzjoni, rispettivament."

(3) Fl-Artikolu 7, jiżdied il-paragrafu 7 li ġej:

"7. Il-permessi tal-esportazzjoni u ċ-ċertifikati tar-riesportazzjoni maħruġa minn pajjiżi terzi għandhom jiġu aċċettati biss jekk jinħarġu mill-Awtorità Maniġerjali maħtura uffiċjalment bħala kompetenti mill-Parti li tesporta jew li tesporta mill-ġdid."

(4) Fl-Artikolu 10, jiddaħħal il-paragrafu 2b li ġej:

"2b. Meta speċi tkun ġiet ittrasferita fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni f'laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet, u l-Unjoni ma tkunx għamlet riżerva fuq dan it-trasferiment, il-validità ta' kwalunkwe permess ta' importazzjoni jew esportazzjoni jew ċertifikat ta' riesportazzjoni għal kampjuni ta' dik l-ispeċi ma għandhiex testendi lil hinn mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-trasferiment għall-Appendiċi I."

(5) Fl-Artikolu 11, jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:

"4a. Iċ-ċertifikati kif imsemmija fl-Artikolu 48 li jikkonċernaw kampjuni tal-avorju tal-iljunfanti u li nħarġu qabel id-19 ta' Jannar 2022 ma għandhomx jibqgħu validi fid-19 ta' Jannar 2023."

(6) Fl-Artikolu 48(1), jiżdied il-punt (e) li ġej:

"(e) dawn huma kampjuni maħduma li fihom avorju tal-iljunfanti li jkunu nkisbu aktar minn 50 sena qabel kif iddefinit fl-Artikolu 2(w) tar-Regolament (KE) Nru 338/97."

(7) Fl-Artikolu 52, il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. It-tikketti msemmija fl-Artikolu 2(6) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 792/2012 għandhom jintużaw biss għall-moviment bejn xjenzati rreġistrati kif xieraq u istituzzjonijiet xjentifiċi ta' self mhux kummerċjali, donazzjonijiet u skambji ta' kampjuni ta' riċerka ta' erbarju, dijanjostika u forensika (kif deskritt fl-Anness XI ta' dan ir-Regolament), kampjuni tal-mużewijiet ippreservati, imnixxfa jew inkorporati, u materjal tal-pjanti ħaj għal studju xjentifiku."

(8) Fl-Artikolu 62, il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(3) kampjuni maħduma li nkisbu aktar minn 50 sena qabel, kif iddefinit fl-Artikolu 2(w) tar-Regolament (KE) Nru 338/97, ħlief kampjuni li fihom l-avorju tal-iljunfanti."

(9) L-Artikolu 69 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Rapporti dwar l-importazzjonijiet, l-esportazzjonijiet u r-riesportazzjonijiet u dwar l-implimentazzjoni."

(b) titħassar l-aħħar sentenza fil-paragrafu 1;

(c) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 5 għandha tiġi ppreżentata f'forma kompjuterizzata u skont il-"Format tar-Rapport ta' Implimentazzjoni" maħruġ mis-Segretarjat tal-Konvenzjoni u emendat mill-Kummissjoni, sena qabel kull laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni, u għandha tikkorrispondi mal-perjodu ta' tliet snin li jintemm fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel.

L-informazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 5, fejn ma tkunx inkluża fil-komunikazzjoni skont l-Artikolu 15(4)(a) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 jew fin-notifika skont l-Artikolu 66(7), għandha tiġi ppreżentata f'forma kompjuterizzata flimkien mal-komunikazzjoni skont l-Artikolu 15(4)(c)."

(10) L-Anness VII huwa emendat kif ġej:

(a) fir-ringiela għall-"Kożmetiċi", it-test fil-kolonna "spjegazzjoni" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Kwalunkwe prodott jew taħlita ta' prodotti li tiġi applikata għal parti esterna tal-ġisem biss (eż. ġilda, xagħar, dwiefer, ġenitali, xuftejn jew snien jew il-membrani mukużi tal-kavità orali) bl-intenzjoni li jnaddfu, jagħtu riħa, ibiddlu d-dehra jew jipproteġu. Il-kożmetiċi jistgħu jinkludu dan li ġej: make-up, fwieħa, krema tal-ġilda, lustratur tad-dwiefer, koloranti tax-xagħar, sapun, xampù, krema tat-tqaxxir tal-leħja, fwieħa, prodotti għall-protezzjoni mix-xemx, toothpaste. Il-kwantità jenħtieġ li tirrifletti l-għadd ta' speċijiet preżenti li huma elenkati fis-CITES.";

(b) fir-ringiela għall-"Ħut żagħżugħ", it-test fil-kolonna "spjegazzjoni" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ferħ tal-ħut ħaj għall-kummerċ tal-akkwarju, l-akkwakultura, l-imfaqas, il-konsum jew għar-rilaxx, inkluż is-sallur Ewropew ħaj (*Anguilla anguilla*) sa tul ta' 12 cm".

(11) L-Anness VIII huwa sostitwit bit-test fl-Anness 2 ta' dan ir-Regolament.

(12) Fl-Anness IX, jiżdied il-punt Y li ġej:

"Y Kampjuni tal-pjanti miksuba minn produzzjoni assistita, li jitqiesu li mhumiex "ippropogati b'mod artifiċjali" kif stabbilit fl-Artikolu 56, u jitqiesu wkoll li ma nqabdux mill-ambjent naturali minħabba li jiġu ppropagati jew imħawlin f'ambjent b'xi livell ta' intervent mill-bniedem għall-fini tal-produzzjoni tal-pjanti."

(13) L-Anness XI huwa sostitwit bit-test fl-Anness 3 ta' dan ir-Regolament.

(14) Fl-Anness XIII, jiddaħħlu l-ispeċijiet li ġejjin wara *Ovis ammon*: *O. collium*, *O. darwini*, *O. jubata*, *O. karelini*, *O. polii*, *O. severtzovi*.

Artikolu 3

Dispożizzjoni tranżitorja dwar il-limitu ta' żmien għall-ħruġ ta' ċerti ċertifikati skont ir-Regolament (KE) Nru 338/97

B'deroga mill-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 865/2006, il-limitu ta' żmien biex tittieħed deċiżjoni dwar il-ħruġ ta' ċertifikati għandu jkun ta' tliet xhur fir-rigward ta' applikazzjonijiet skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 338/97 dwar kampjuni tal-avorju tal-iljunfanti li jiġu sottomessi bejn id-19 ta' Jannar 2022 u d-19 ta' Jannar 2023.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS 1

"ANNESS

Noti dwar l-interpretazzjoni tal-Annessi A, B, C u D

1. L-ispeċijiet inklużi fl-Annessi A, B, C u D issir referenza għalihom:

   (a) bl-isem tal-ispeċi; jew

   (b) bħala li huma l-ispeċijiet kollha inklużi f'unità tassonomika ogħla jew parti dežinjata tagħha.

2. L-abbrevjazzjoni "spp." tintuża biex tindika l-ispeċijiet kollha ta' unità tassonomika ogħla.

3. Referenzi oħra għal unitajiet tassonomiċi ogħla minn speċi huma għall-finijiet ta' informazzjoni jew ta' klassifikazzjoni biss.

4. L-ispeċijiet mogħtija b'tipa grassa fl-Anness A huma elenkati hemm b'konsistenza mal-protezzjoni tagħhom kif previst fid-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jew fid-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE ([2]).

5. L-abbrevjazzjonijiet li ġejjin jintużaw għal unitajiet tassonomiċi tal-pjanti taħt il-livell ta' speċi:

   (a) "ssp." tintuża biex tindika sottospeċi;

   (b) "var(s)." tintuża biex tindika varjetà (varjetajiet); u

   (c) "fa." tintuża biex tindika forma.

6. Is-simboli "(I)", "(II)" u "(III)" mogħtija wara isem l-ispeċi jew l-unità tassonomika ogħla jirreferu għall-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni li fihom huma elenkati l-ispeċijiet ikkonċernati, kif indikat fin-noti 7, 8 u 9. Meta ma tidher l-ebda waħda minn dawn l-annotazzjonijiet, l-ispeċijiet ikkonċernati ma jkunux elenkati fl-Appendiċijiet tal-Konvenzjoni.

7. Is-simbolu "(I)" mogħti wara isem l-ispeċi jew l-unità tassonomika ogħla jindika li l-ispeċi kkonċernata jew l-unità tassonomika ogħla kkonċernata huma inklużi fl-Appendiċi I tal-Konvenzjoni.

8. Is-simbolu "(II)" mogħti wara isem l-ispeċi jew l-unità tassonomika ogħla jindika li l-ispeċi kkonċernata jew l-unità tassonomika ogħla kkonċernata huma inklużi fl-Appendiċi II tal-Konvenzjoni.

9. Is-simbolu "(III)" mogħti wara isem l-ispeċi jew l-unità tassonomika ogħla jindika li dawn huma inklużi fl-Appendiċi III tal-Konvenzjoni. F'dan il-każ jiġi indikat ukoll il-pajjiż li fir-rigward tiegħu huma inklużi fl-Appendiċi III l-ispeċi jew l-unità tassonomika ogħla.

10. "Kultivar" tfisser, skont id-definizzjoni tat-8 edizzjoni tal-*International Code of Nomenclature for Cultivated Plants*, grupp ta' pjanti li (a) intgħażel minħabba karatteristika jew kombinazzjoni ta' karatteristiċi partikolari, (b) huwa distint, uniformi u stabbli f'dawn il-karatteristiċi, u (c) meta mnissel b'mezzi xierqa, iżomm dawk il-karatteristiċi. L-ebda unità tassonomika ġdida ta' kultivar ma jista' jitqies hekk sakemm l-isem tal-kategorija u ċ-ċirkoskrizzjoni tiegħu ma jkunux ġew formalment ippubblikati fl-aħħar edizzjoni tal-International Code of Nomenclature for Cultivated Plants.

11. L-ibridi jistgħu jiġu inklużi speċifikament fl-Appendiċijiet iżda jekk jiffurmaw popolazzjonijiet distinti u stabbli fis-selvaġġ biss. L-annimali ibridi li, fl-erba' ġenerazzjonijiet preċedenti fil-linja ta' parentela tagħhom, ikollhom eżemplar wieħed jew iktar tal-ispeċijiet inklużi fl-Anness A jew B, għandhom ikunu soġġetti għal dan ir-Regolament daqslikieku kienu speċijiet kompluti, anke jekk l-ibridu kkonċernat ma jkunx inkluż speċifikament fl-Annessi.

12. Meta speċi tkun inkluża fl-Anness A, B jew C, l-annimal kollu jew il-pjanta kollha, sew jekk ikunu ħajjin u sew jekk ikunu mejtin, u l-partijiet kollha tagħhom u l-prodotti kollha dderivati minnhom jiġu inklużi wkoll. Fir-rigward tal-ispeċijiet tal-annimali elenkati fl-Anness C u l-ispeċijiet tal-pjanti elenkati fl-Anness B jew C, il-partijiet kollha tal-ispeċi u l-prodotti kollha dderivati minnha jiġu inklużi wkoll fl-istess Anness, sakemm ma jkunx hemm annotazzjoni mal-ispeċi li tkun tindika li xi partijiet speċifiċi u xi prodotti dderivati speċifiċi biss ikunu inklużi. F'konformità mal-Artikolu 2(t), is-simbolu "#" segwit minn numru mqiegħed mal-isem ta' speċi jew unità tassonomika ogħla inkluża fl-Anness B jew C jiddeżinja partijiet jew derivati li huma speċifikati b'rabta magħhom għall-finijiet tar-Regolament kif ġej:

([1]) Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

#1 jiddeżinja l-partijiet u d-derivati kollha, għajr:

(a) iż-żrieragħ, l-ispori u l-għabra tad-dakra (inkluż il-pollinja);

(b) il-kolturi tan-nibbieta jew tat-tessuti tal-pjanti miksubin *in vitro*, f'media solidi jew likwidi, ittrasportati f'kontenituri sterili;

(c) il-fjuri maqtugħin tal-pjanti mnisslin b'mod artifiċjali; u

(d) il-frott tal-pjanti tal-ġeneru *Vanilla* mnisslin b'mod artifiċjali u l-partijiet u l-prodotti dderivati minnhom.

#2 jiddeżinja l-partijiet u d-derivati kollha, għajr:

(a) iż-żrieragħ u l-għabra tad-dakra; u

(b) il-prodotti finali, ippakkjati u lesti għall-bejgħ bl-imnut.

#3 jiddeżinja l-għeruq sħaħ jew maqtugħin u l-partijiet tagħhom, għajr il-partijiet jew il-prodotti dderivati mmanifatturati, bħat-trabijiet, il-pilloli, l-estratti, ir-rikostitwenti toniċi, it-tejiet u l-ħlewwiet.

#4 jiddeżinja l-partijiet u d-derivati kollha, għajr:

(a) iż-żrieragħ (inklużi l-imżiewed taż-żrieragħ tal-*Orchidaceae*), l-ispori u l-għabra tad-dakra (inkluż il-pollinja). L-eżenzjoni ma tapplikax għaż-żrieragħ minn *Cactaceae* spp. esportati mill-Messiku, u għaż-żrieragħ minn *Beccariophoenix madagascariensis* u *Dypsis decaryi* esportati minn Madagascar;

(b) il-kolturi tan-nibbieta jew tat-tessuti tal-pjanti miksubin *in vitro*, f'media solidi jew likwidi, ittrasportati f'kontenituri sterili;

(c) il-fjuri maqtugħin tal-pjanti mnisslin b'mod artifiċjali;

(d) il-frott tal-pjanti tal-ġeneru *Vanilla* (*Orchidaceae*) u tal-familja *Cactaceae* naturalizzati jew imnisslin b'mod artifiċjali u l-partijiet u l-prodotti dderivati minnhom;

(e) iz-zkuk u l-fjuri tal-pjanti tal-ġeneru *Opuntia*, is-sottoġeneru *Opuntia*, u tal-ġeneru *Selenicereus* (*Cactaceae*) naturalizzati jew imnisslin b'mod artifiċjali u l-partijiet u l-prodotti dderivati minnhom; u

(f) il-prodotti finali tal-ispeċijiet *Aloe ferox* u *Euphorbia antisyphilitica*, ippakkjati u lesti għall-bejgħ bl-imnut.

#5 jiddeżinja z-zkuk, l-injam isserrat u l-fuljetti.

#6 jiddeżinja z-zkuk, l-injam isserrat, il-fuljetti u l-plywood.

#7 Jiddeżinja z-zkuk, il-laqx tal-injam, it-trab u l-estratti.

#8 jiddeżinja l-partijiet ta' taħt l-art (jiġifieri l-għeruq u r-riżomi): sħaħ, f'biċċiet u f'forma ta' trab.

#9 jiddeżinja l-partijiet u l-prodotti dderivati kollha, għajr dawk li jkollhom tikketta li tgħid hekk: "Prodott minn materjal tal-ġeneru *Hoodia* spp. miksub permezz ta' ħsad u produzzjoni kkontrollati skont it-termini tal-ftehim mal-Awtorità ta' Ġestjoni tas-CITES rilevanti *[tal-Botswana skont il-ftehim Nru BW/xxxxxx] [tan-Namibja skont il-ftehim Nru NA/xxxxxx] [tal-Afrika t'Isfel skont il-ftehim Nru ZA/xxxxxx]*".

#10 jiddeżinja z-zkuk, l-injam isserrat, il-fuljetti, inkluż oġġetti tal-injam mhux kompluti li jintużaw għall-manifattura ta' arkijiet ta' strumenti mużikali bil-kordi.

#11 jiddeżinja z-zkuk, l-injam isserrat, il-fuljetti, il-plywood, it-trab u l-estratti. Prodotti finali li fihom tali estratti bħall-ingredjenti, inkluż il-fwejjaħ, mhumiex ikkunsidrati li huma koperti minn din l-annotazzjoni.

#12 jiddeżinja z-zkuk, l-injam isserrat, il-fuljetti, il-plywood u l-estratti. Prodotti finali li fihom tali estratti bħall-ingredjenti, inkluż il-fwejjaħ, mhumiex ikkunsidrati li huma koperti minn din l-annotazzjoni.

#13 jiddeżinja l-ħabba (magħrufa wkoll bħala "endosperma", "polpa" jew "kopra") u kull derivat tagħha, għajr prodotti finali, ippakkjati u lesti għall-bejgħ bl-imnut.

#14 jiddeżinja l-partijiet u d-derivati kollha, għajr:

(a) iż-żrieragħ u l-għabra tad-dakra;

(b) il-kolturi tan-nibbieta jew tat-tessuti tal-pjanti miksubin *in vitro*, f'media solidi jew likwidi, ittrasportati f'kontenituri sterili;

(c) il-frott;

(d) il-weraq;

(e) it-trab tal-injam tal-agar eżawst, inkluż it-trab ikkompressat f'kull għamla; u

(f) il-prodotti finali, ippakkjati u lesti għall-bejgħ bl-imnut; din l-eżenzjoni ma tapplikax għal-laqx tal-injam, għaż-żibeġ, għall-kuruni tar-rużarju u għat-tinqix.

#15 jiddeżinja l-partijiet u d-derivati kollha, għajr:

a) il-weraq, il-fjuri, l-għabra tad-dakra, il-frott u ż-żrieragħ;

b) il-prodotti finali sa piż massimu tal-injam tal-ispeċi elenkati ta' 10 kg għal kull konsenja;

c) l-istrumenti mużikali finali, il-partijiet tal-istrumenti mużikali finali u l-aċċessorji tal-istrumenti mużikali finali;

d) il-partijiet tal-ispeċi *Dalbergia cochinchinensis* u l-prodotti dderivati minnha li huma koperti mill-Annotazzjoni #4;

e) il-partijiet tal-ġeneru *Dalbergia* spp. u l-prodotti dderivati minnu li joriġinaw mill-Messiku u li jiġu esportati minn dak il-pajjiż, li huma koperti mill-Annotazzjoni #6.

#16 Jiddeżinja ż-żrieragħ, il-frott u ż-żjut.

#17 Jiddeżinja z-zkuk, l-injam isserrat, il-fuljetti, il-plywood u l-injam ittrasformat.

#18 Eskludi l-partijiet u l-prodotti dderivati minnhom, għajr il-bajd.

13. It-termini u l-espressjonijiet hawn taħt, użati fl-annotazzjonijiet f'dawn l-Annessi, huma definiti kif ġej:

Estratt

Kwalunkwe sustanza miksuba direttament mill-materjal tal-pjanti permezz ta' mezzi fiżiċi jew kimiċi jkun xi jkun il-proċess ta' manifattura. Estratt jista' jkun solidu (eż. kristalli, reżina, partikoli fini jew raffi), semisolidu (eż. gomma, xama') jew likwidu (eż. soluzzjonijiet, tinturi, żejt u żjut essenzjali).

Strumenti mużikali finali

Strument mużikali (kif imsemmi fil-Kapitolu 92 tas-Sistema Armonizzata tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali; strumenti mużikali, partijiet u aċċessorji ta' oġġetti bħal dawn) li jkun lest biex jindaqq jew li jkun jeħtieġ biss li jiġu installati l-partijiet biex ikun jista' jindaqq. Dan it-terminu jinkludi l-istrumenti antiki (kif iddefiniti fil-kodiċijiet 97.05 u 97.06 tas-Sistema Armonizzata; Xogħlijiet tal-arti, biċċiet tal-kollezzjoni u antikitajiet).

Aċċessorji tal-istrumenti mużikali finali

Aċċessorju ta' strument mużikali (kif imsemmi fil-Kapitolu 92 tas-Sistema Armonizzata tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali; strumenti mużikali, partijiet u aċċessorji ta' oġġetti bħal dawn) li jkun separat mill-istrument mużikali u li jkun iddisinjat jew jingħata għamla b'mod speċifiku biex jintuża b'mod espliċitu flimkien ma' strument, u li ma jkun jeħtieġ l-ebda modifika oħra biex jintuża.

Partijiet tal-istrumenti mużikali finali

Parti (kif imsemmi fil-Kapitolu 92 tas-Sistema Armonizzata tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali; strumenti mużikali, partijiet u aċċessorji ta' oġġetti bħal dawn) ta' strument mużikali li tkun lesta biex tiġi installata u li tkun iddisinjata u tingħata l-għamla b'mod speċifiku biex tintuża b'mod espliċitu flimkien mal-istrument biex dan ikun jista' jindaqq.

Prodotti finali, ippakkjati u lesti għall-bejgħ bl-imnut

Prodotti, ikkonsenjati waħedhom jew bl-ingrossa, li ma jirrikjedux iktar proċessar, ippakkjar, tikkettati għall-użu finali jew il-bejgħ bl-imnut fi stat li huwa tajjeb għall-bejgħ jew li jintużaw mill-pubbliku ġenerali.

Trab

Sustanza niexfa u solida fil-forma ta' partikoli fini jew raffi

Konsenja

Merkanzija ttrasportata skont it-termini ta' polza ta' kargu waħda jew ta' polza tal-vjeġġ bl-ajru waħda, irrispettivament mill-kwantità jew mill-għadd ta' kontenituri jew ta' pakketti; jew biċċiet li jintlibsu, li jingarru jew li jiġu inklużi fil-bagalji personali.

10 kg għal kull konsenja

Fil-każ tat-terminu "10 kg għal kull konsenja", il-limitu ta' 10 kg għandu jiġi interpretat li jirreferi għall-piż tal-porzjonijiet individwali ta' kull oġġett fil-konsenja li jkun magħmul mill-injam tal-ispeċi kkonċernata. Fi kliem ieħor, il-limitu ta' 10 kg għandu jiġi vvalutat skont il-piż tal-porzjonijiet individwali magħmulin mill-injam tal-ispeċijiet *Dalbergia*/*Guibourtia* li jkunu jinsabu f'kull oġġett tal-konsenja, minflok skont il-piż totali tal-konsenja.

Injam ittrasformat

Dan huwa ddefinit fil-kodiċi 44.09 tas-Sistema Armonizzata. Injam (inklużi strixxi u freġji għal kisi ta' art bil-parkè, mhux immuntat) b'għamla kontinwa (mudullun, gruvjat, ingastat-V, imżebbeġ jew hekk) tul xi xifer, tarf jew wiċċ tiegħu, inċanat, xkatlat jew imminċottat fit-truf jew le.

Laqx tal-injam

Injam li jkun tkisser f'biċċiet żgħar.

14. Billi l-ebda speċi jew unità tassonomika ogħla tal-FLORA inklużi fl-Anness A ma ġew annotati b'tali mod li l-ibridi tagħhom għandhom jiġu ttrattati f'konformità mal-Artikolu 4(1), l-ibridi mnisslin b'mod artifiċjali prodotti minn waħda minn dawn l-ispeċijiet jew minn waħda minn dawn l-unitajiet tassonomiċi jew iktar jistgħu jiġu kkummerċjalizzati b'ċertifikat tat-tnissil artifiċjali u dan ir-Regolament ma jgħoddx għaż-żrieragħ u għall-għabra tad-dakra ta' dawn l-ibridi (inkluż il-pollinja), għall-fjuri maqtugħin tagħhom u għall-kolturi tan-nibbieta jew tat-tessuti tal-pjanti tagħhom miksubin *in vitro*, f'media solidi jew likwidi, ittrasportati f'kontenituri sterili.

15. L-urina, il-feċi u l-ambra griża li huma prodotti tal-iskart u miksuba mingħajr il-manipolazzjoni tal-annimal ikkonċernat, mhumiex soġġetti għal dan ir-Regolament.

16. Fir-rigward tal-ispeċijiet tal-fawna elenkati fl-Anness D, dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-eżemplari ħajjin u għall-eżemplari mejtin sħaħ jew kważi sħaħ, għajr l-unitajiet tassonomiċi li huma annotati kif ġej biex juru li dan jgħodd ukoll għal partijiet u għal prodotti dderivati oħra:

    §1 Kwalunkwe ġilda sħiħa, jew sostanzjalment sħiħa, mhux maħduma jew ikkunzata.

17. Fir-rigward tal-ispeċijiet tal-flora elenkati fl-Anness D, dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-eżemplari ħajjin, għajr l-unitajiet tassonomiċi li huma annotati kif ġej biex juru li dan jgħodd ukoll għal partijiet u għal prodotti dderivati oħra:

    §2 Il-pjanti friski jew imnixxfin, inkluż, meta jkun xieraq; il-weraq, l-għeruq jew is-salvaġġ, iz-zkuk, iż-żrieragħ/l-ispori, il-qoxra u l-frott.

    §4 jiddeżinja l-partijiet u d-derivati kollha, għajr:

        (a) iż-żrieragħ u l-għabra tad-dakra;

        (b) il-prodotti finali, ippakkjati u lesti għall-bejgħ bl-imnut.

    §5 Jiddeżinja z-zkuk, l-injam isserrat, il-fuljetti, il-plywood u l-injam ittrasformat. (*)

(*) Dan huwa ddefinit fil-kodiċi 44.09 tas-Sistema Armonizzata: Injam (inklużi strixxi u freġji għal kisi ta' art bil-parkè, mhux immuntat) b'għamla kontinwa (mudullun, gruvjat, ingastat-V, imżebbeġ jew hekk) tul xi xifer, tarf jew wiċċ tiegħu, inċanat, xkatlat jew imminċottat fit-truf jew le.

	Anness A	Anness B	Anness C	Isem komuni
		FAWNA		
		CHORDATA (KORDATI)		
MAMMALIA				**Mammiferi**
ARTIODACTYLA				
Antilocapridae				**Antilop mogħża**
	Antilocapra americana (I) (Il-popolazzjoni tal-Messiku biss; l-ebda popolazzjoni oħra mhi inkluża fl-Annessi ta' dan ir-Regolament)			Antilop mogħża tal-Messiku
Bovidae				**Antilopi, bhejjem tal-ifrat, antilopi tal-foresti, għażżiela, mogħoż, nagħaġ, eċċ.**
	Addax nasomaculatus (I)			Antilop abjad
		Ammotragus lervia (II)		Nagħġa tal-Barbarija
			Antilope cervicapra (III n-Nepal / il-Pakistan)	Antilop Indjan
	Bos gaurus (I) (Eskluża l-ispeċi mansa magħrufa bħala *Bos frontalis* li mhix soġġetta għal dan ir-Regolament)			Gendus selvaġġ Indjan
	Bos mutus (I) (Eskluża l-ispeċi mansa magħrufa bħala *Bos grunniens* li mhix soġġetta għal dan ir-Regolament)			Barri Tibetan
	Bos sauveli (I)			Barri griż
			Boselaphus tragocamelus (III l-Pakistan)	Antilop kbir Indjan qrunu qosra
			Bubalus arnee (III n-Nepal) (Eskluża l-ispeċi mansa magħrufa bħala *Bubalus bubalis*, li mhix soġġetta għal dan ir-Regolament)	Buflu Asjatiku selvaġġ

	Bubalus depressicornis (I)			Buflu tal-mergħat
	Bubalus mindorensis (I)			Buflu nanu ta' Mindoro
	Bubalus quarlesi (I)			Buflu tal-muntanji
		Budorcas taxicolor (II)		Takin
	Capra falconeri (I)			Mogħża bil-qrun mibrum
		Capra caucasica (II)		Mogħża tal-Kawkasu
			Capra hircus aegagrus (III l-Pakistan) (L-eżemplari mansi mhumiex soġġetti għal dan ir-Regolament)	Mogħża selvaġġa
			Capra sibirica (III l-Pakistan)	Mogħża tal-barr tas-Siberja
	Capricornis milneedwardsii (I)			Kaprikornu taċ-Ċina
	Capricornis rubidus (I)			Kaprikornu aħmar
	Capricornis sumatraensis (I)			Kaprikornu ta' Sumatra
	Capricornis thar (I)			Kaprikornu tal-Ħimalaja
		Cephalophus brookei (II)		Antilop tal-foresti tal-Ginea
		Cephalophus dorsalis (II)		Antilop tal-bajja
	Cephalophus jentinki (I)			Antilop gidi-gidi
		Cephalophus ogilbyi (II)		Antilop ta' Ogilby
		Cephalophus silvicultor (II)		Antilop dahru isfar
		Cephalophus zebra (II)		Antilop żebra
		Damaliscus pygargus pygargus (II)		Bontebok
			Gazella bennettii (III l-Pakistan)	Għażżiela tal-Indja
	Gazella cuvieri (I)			Għażżiela tal-Magreb

			Gazella dorcas (III l-Alġerija / it-Tuneżija)	Għażżiela ta' Dorcas
	Gazella leptoceros (I)			Għażżiela tal-għaram tar-ramel
	Hippotragus niger variani (I)			Antilop ġgant iswed
		Kobus leche (II)		Lekwe
	Naemorhedus baileyi (I)			Mogħża żgħira tal-bosk tal-Ħimalaja
	Naemorhedus caudatus (I)			Mogħża denbha twil
	Naemorhedus goral (I)			Mogħża tal-Ħimalaja
	Naemorhedus griseus (I)			Mogħża griża taċ-Ċina
	Nanger dama (I)			Għażżiela ta' Dama
	Oryx dammah (I)			Antilop qrunu ximitarra
	Oryx leucoryx (I)			Antilop Għarbi
		Ovis ammon (II)		Nagħġa selvaġġa tal-Altaj
		Ovis arabica (II)		Nagħġa selvaġġa Għarbija
		Ovis bochariensis (II)		Nagħġa selvaġġa ta' Bukhara
		Ovis canadensis (II) (Il-popolazzjoni tal-Messiku biss; l-ebda popolazzjoni oħra mhi inkluża fl-Annessi ta' dan ir-Regolament)		Nagħġa qrunha kbir tal-Messiku
		Ovis collium (II)		Nagħġa selvaġġa tal-Każakistan
		Ovis cycloceros (II)		Nagħġa selvaġġa tal-Afganistan
		Ovis darwini (II)		Nagħġa selvaġġa tad-deżert Gobi
	Ovis gmelini (I) (il-popolazzjoni ta' Ċipru)			Nagħġa selvaġġa tal-Anatolja
	Ovis hodgsoni (I)			Nagħġa selvaġġa Ażjatika
		Ovis jubata (II)		Nagħġa selvaġġa ta' Shansi
		Ovis karelini (II)		Nagħġa selvaġġa tat-Tian Shan
	Ovis nigrimontana (I)			Nagħġa selvaġġa ta' Karatau
		Ovis polii (II)		Nagħġa selvaġġa ta' Marco Polo
		Ovis punjabiensis (II)		Nagħġa selvaġġa ta' Punjab

		Ovis severtzovi (II)		Nagħġa selvaġġa ta' Severtzov
	Ovis vignei (I)			Nagħġa selvaġġa tal-Kashmir
	Pantholops hodgsonii (I)			Antilop Tibetan
		Philantomba monticola (II)		Antilop blu
			Pseudois nayaur (III l-Pakistan)	Nagħġa selvaġġa tal-Ħimalaja sufha iswed imħallat bl-iżraq
	Pseudoryx nghetinhensis (I)			Antilop bil-qrun magħżel
	***Rupicapra pyrenaica ornata* (II)**			Kamoxx tal-Abruzzo
		Saiga borealis (II) (Kwota tal-esportazzjoni ta' żero għall-eżemplari li jittieħdu mis-selvaġġ u li jiġu kkummerċjalizzati għal finijiet kummerċjali)		Antilop tal-Mongolja mnieħru minfuħ
		Saiga tatarica (II) (Kwota tal-esportazzjoni ta' żero għall-eżemplari li jittieħdu mis-selvaġġ u li jiġu kkummerċjalizzati għal finijiet kummerċjali)		Antilop imnieħru minfuħ
			Tetracerus quadricornis (III n-Nepal)	Antilop b'erbat iqran
Camelidae				**Iġmla, gwanako, vikunja**
		Lama guanicoe (II)		Gwanako
	Vicugna vicugna (I) (Għajr għall-popolazzjonijiet: tal-Arġentina [il-popolazzjonijiet tal-Provinċji ta' Jujuy, Catamarca u Salta, u l-popolazzjonijiet li jinżammu parzjalment fil-magħluq tal-Provinċji ta' Jujuy, Salta, Catamarca, La Rioja u San Juan]; tal-Bolivja [il-popolazzjoni kollha]; taċ-Ċilì [il-popolazzjonijiet tar-reġjun ta' Tarapacá u tar-reġjun ta' Arica u Parinacota]; tal-Ekwador [il-popolazzjoni kollha] u tal-Perù [il-popolazzjoni kollha] biss; li huma inklużi fl-Anness B)	*Vicugna vicugna* (II) (Il-popolazzjonijiet tal-Arġentina [il-popolazzjonijiet tal-Provinċji ta' Jujuy, Catamarca u Salta, u l-popolazzjonijiet li jinżammu parzjalment fil-magħluq tal-Provinċji ta' Jujuy, Salta, Catamarca, La Rioja u San Juan]; tal-Bolivja [il-popolazzjoni kollha]; taċ-Ċilì [il-popolazzjonijiet tar-reġjun ta' Tarapacá u tar-reġjun ta' Arica u Parinacota]; tal-Ekwador [il-popolazzjoni kollha] u tal-Perù [il-popolazzjoni kollha]; il-popolazzjonijiet l-oħra kollha huma inklużi fl-Anness A) ([1])		Vikunji

Cervidae				**Ċriev, ċriev tal-Kashmir, ċriev nebbieħa, ċriev nani tal-Amerka t'Isfel**
	Axis calamianensis (I)			Ċerv tal-Gżejjer Kalamjani
	Axis kuhlii (I)			Ċerv tal-Gżira ta' Bawean
			Axis porcinus (III l-Pakistan (Għajr is-sottospeċijiet inklużi fl-Anness A))	Ċerv ħanżir
	Axis porcinus annamiticus (I)			Ċerv ħanżir tal-Indoċina
	Blastocerus dichotomus (I)			Ċerv tal-imraġ
		Cervus elaphus bactrianus (II)		Ċerv Baktrijan
			Cervus elaphus barbarus (III l-Alġerija / it-Tuneżija)	Ċerv tal-Barbarija
	Cervus elaphus hanglu (I)			Ċerv tal-Kashmir
	Dama dama mesopotamica (I)			Dajn Persjan dahru bit-tikek
	Hippocamelus spp. (I)			Huemuls
			Mazama temama cerasina (III l-Gwatemala)	Mażama ħamra tal-Amerka Ċentrali
	Muntiacus crinifrons (I)			Ċerv nebbieħ iswed
	Muntiacus vuquangensis (I)			Ċerv nebbieħ ġgant
			Odocoileus virginianus mayensis (III l-Gwatemala)	Ċerv denbu abjad tal-Gwatemala
	Ozotoceros bezoarticus (I)			Ċerv tal-Pampas
		Pudu mephistophiles (II)		Ċerv nanu tat-Tramuntana
	Pudu puda (I)			Ċerv nanu tan-Nofsinhar
	Rucervus duvaucelii (I)			Barasinga
	Rucervus eldii (I)			Ċerv tal-qrun fuq ġbinu

Giraffidae		*Giraffa camelopardalis* (II)		**Ġiraffi** Ġiraffa
Hippopotamidae		*Hexaprotodon liberiensis* (II) *Hippopotamus amphibius* (II)		**Ippopotami** Ippopotamu nanu Ippopotamu komuni
